**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 10-11

**Data:** **30** ta' Novembru 2011

**Hin:** 17.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 9.11 gew moqrija u approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Vici Sindku is-Sur Norbert Grech.

**2. Punti mqajjma mill-Minuti:-**

2.1 Bus Shelter.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Transport Malta ghadhom ma kkuntattjawx lill-Kunsill dwar l-andament tal-procedura tal-kaz tal-Bus Shelter. Huwa ppropona li jekk il-Kunsill ser jithalla fl-ghama dwar dan il-kaz, ghanda tissejjah Press Conference. Is-Sindku qal ukoll li peress li l-Bus Shelter taqa fil-konfini tal-Kalkara, irid ikun il-Kunsill li jaghmel l-applikazzjoni tal-Mepa ghall-Bus Shelter il-gdid, permezz tal-perit ta' Transport Malta.

2.2 Is-servizz tat-trasport pubbliku.
Intbghatet risposta minn Transport Malta fejn permezz taghha, il-Kunsill gie infurmat li qed isir moniteragg fuq ir-rotta numru 3 u li ser jittiehdu l-passi necessarji sabiex ir-resident jinqeda ahjar. Is-Sindku sahaq li z-Zebra Cross fi Triq il-Missjoni Taljana se tkun parti mix-xogholijiet li ser isiru meta ssir it-Triq.

3 **Komunikat mis-Sindku.**

3.1 Xogholijiet.
3.1a Jitkompla x-xoghol fi Triq l-Isptar Navali u l-area hdejn l-ufficcju tal-Kunsill Lokali.

3.1b Xoghol ghall-iskola primarja- Huwa qal li ser jitkompla jinqata l-haxix u jitpoggew f'posthom. Il-Kunsilliera Maria Sultana ghandha tikkuntattja lill-haddiem tal-Kunsill sabiex taghtih aktar taghrif dwar iz-zebgha ghall-bitha.

## 4. <u>Korrispondenza.</u>

4.1 <u>Fiera tas-Salvatur.</u>
Il-Kunsill iddiskuta n-nuqqas ta' konkorrenza ghal din l-attivita u gie deciz li ssir diskussjoni mal-Kappillan tal-lokal dwar il-possibilita li tinbidel il-gurnata ta' din l-attivita.

4.2 <u>Island Car Club.</u>
L-attivita HillClimb mill-Island Car Club kellha tigi posposta minhabba li fl-istess gurnata hemm attivita ohra marbuta mal-Istrina ghalhekk din ser issir il-Hadd 18 ta' Dicembru 2011 mid-09.00 ta' filghodu sat-15.00 ta' wara nofsinhar. Ser jinghalqu partijiet minn triq Rinella u triq Santu Rokku.

## 5. <u>Jum il-Kalkara</u>

Is-Sindku ppropona sabiex jinghata l-ghoti ta' mertu lil lill-Dr Victor Calvagna ghall-ghajnuna u s-sostenn lill-familji tal-Kalkara,permezz tal-fondazzjoni Puttinu Cares u lill-Maestro Joe Brown ghall-impenn u sostenn fl-attivitajiet tal-Kunsill Lokali Kalkara b'risq Puttinu Cares. Il-Kunsill qabel b'vot unanimu ghal din il-proposta.

Gie deciz b'vot unanimu li ghall-attivita Jum il-Premjazzjoni nhar id-9 ta' Dicembru 2011 issir bibita zghira ghal dawk mistiedna.

Gie deciz b'vot unanimu li ghall-attivita tal-Launch tar-Rapport tas-"Sustainable Development Action Plan" issir bibita ghal dawk prezenti fosthom l-Onor Chris Said u l-Onor Stefan Buontempo, Membri Parlamentari ohra, id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u rapprezentanti ohra ta' ghaqdiet.

## 6. <u>Korrispondenza</u>

6.1 <u>Centru Civiku</u>
Giet ittra mill-MEPA li tinfurmana li issa li saret l-applikazzjoni ghac-Centru Civiku, l-Kunsill Lokali ghandu jhallas is-somma ta' 62,700 Ewro relatati ma permessi ghall-applikazzjoni. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghadu m'huwiex fil-pozizzjoni li johrog dik is-somma u ser tintalab laqgha mac-Chairman tal-Mepa ghar-revizjoni tas-somma.

6.2 <u>Kiri ta' Garaxx</u>
Is-Sindku qal li qieghda tinhass il-htiega li jitkabbru l-premises tal-Kunsill sakemm ikun lest il-process tac-Centru Civiku u kien ghalhekk li l-Kunsill rega talab id-devoluzzjoni tal-garaxx fi Triq l-Isptar Navali. Il-Kunsill qabel b'vot unanimu.

6.3 Permess ghall-Garaxx gdid fi Triq Rinella.

Ser issir applikazzjoni mill-gdid ghall-garaxx ta' triq Rinella fejn is-substation minhabba li l-permess li sar zmien ilu issa skada.

**7. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti.**

Giet approvata wkoll il-lista tal-pagamenti bin-numru tar-referenza 10-11.

**8. Aggornament**

8.1 Il-Vici Sindku s-Sur Norbert Grech infurmat lill-Kunsill b'dan li gej:

a. Ressaq ilment li qed jghaddu trakkijiet b'materjal fihom b'riha tossika minn Triq San Leonardu u Triq Santu Rokku. Huwa qal li dawn qieghdin jghaddu b'velocita qawwija minn dawn it-toroq dojoq. Is-Sindku qal li l-Kunsill diga ghamel rapport mal-pulizija u se jaghmel rapport lill Authorised Officer kif ukoll lill-Water Services Corporation.

8.2 Il-Kunsilliera Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill b'dan li gej:

a. Giet avvicinata minn xi residenti li joqghodu fi Triq Gianni Raimondu li qed jiddejqu li kulljum filghodu kmieni jigu trakkijiet idoqqu l-hornijiet.

Is-Sindku rrisponda li l-Kunsill ma jista jiehu l-ebda azzjoni dwar dan hlief li jressaq ir-rapport lill-pulizija. Huwa issuggerixxa sabiex min qed isofri dan l-inkonvenjent jirrapporta hu personali sabiex ikun jista jghati aktar dettalji ghar-rapport.

b. Giet avvicinata minn xi persuni li qalulha li gew xi nies barra l-lokal jaghmlu xi survey fl-area tax-Xewkija. Hija qalet li persuna staqsietha meta ser jibda jsir xi xoghol f'dak il-post.

Is-Sindku irrisponda li r-responsabbilta tal-area tax-Xewkija taqa` fuq il-Ministeru tat-Turizmu.

c. Se tinghata tifkira ghall-okkazjoni ta' Jum il-Kalkara lil dawk rikoverati fid-djar.

d. Tinzebah Stop Sign fi Triq Giovanni Ricasoli minhabba li l-karozzi jibqghu ghaddejjin b'velocita. Is-Sindku qal li diga hemm sinjal ta' stop fil-post mitlub.

e. Ser issir harga ghall-zjarat ta' presepji fil-jiem tal-Milied.

8.3 Il-Kunsilliera Maria Sultana infurmat lill-Kunsill b'dan li gej:

a. Hemm xi gebel fejn ic-central strip u wara l-Bus Stop ta' Triq il-Missjoni Taljana.

b. Fl-okkazjoni ta' Jum il-Kalkara dwar iz-zjara fi Smart City ghat-tfal tal-iskola ser ikun hemm 27 tifel u tifla u 3 ghalliema.

Is-seduta ghalqet fit-19.30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| M.Cohen | S Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |